# LIL SAN PAWL

## NHAR IN-NAWFRAĠJU TIEGĦU FIL-GĦIRA TAGĦNA

## 1936

### SUNETT *

*Barbari vero praestabant non modicam humanitatem nobis.*
(Act. Cap. xxviii, v. 1)

Ħares, Missier, għax int ġarrabt il-mewġa,
f'liema baħar tinsab id-dgħajsa tagħna!
kien sabiħ l-ilma u kienet friska l-fewġa;
issa bil-ħalel donnu jrid jiblagħna.

Isma' l-arbli x'jitniehdu taħt il-gewġa
ta' buffuri waħxin; q'ed ibeżżagħna
it-tqarmiċ tal-ġenbejn: donnha miżżewġa
mal-Qada l-Ħiena fit-taqbida magħna.

Missier, ħarisna; ftakar li di' l-Għira
hi l-isbaħ xhieda tal-Vanġelju tiegħek:
tħallix li Bintek tarġa' taqa' rsira.

Aqbad it-tmun; ħaddem l-egħruq ta' driegħek;
int mexxi d-dgħajsa; inti ħiltek kbira....
u taf, żmien ilu, kemm waqafna miegħek.

28—1—36

**Dun Karm.**

* Dan is-sunett deher f'"*Għadd Waħdieni*" li ħareġ fil-10 ta' Frar li għadda bħala tifkira tal-miġja ta' San Pawl f'Malta: iżda ħareġ bil-moħbi tiegħi u mingħajr ma bagħtuhuli xejn biex insewwi l-ħażin ta' l-istampa: ħareġ, għalhekk, b'ħafna għawġ ta' l-ortografija u b'xi kelma mibdula li neħħiet għal kollox it-tifsir tal-vers, u għamlet għajb lis-sunett kollu.

D. K.

# IS-SUNETT

***Taħdita żgħira fuq is-sura u l-istorja tiegħu, għaż-żgħażagħ li qegħdin jitħarrġu fil-kitba tal-versi maltin.***

(jorbot mal-paġ. 77 tal-għadd ta' Settembru 1935).

Fejn tnissel is-Sunett?

Ma nwiġbux malajr. Fl-1773 il-poëta taljan Lorenzo Mascheroni, ta' poëta li kien, fantas illi s-Sunett qiegħed jitkellem ġrajjietu, u f'sensiela ta' disgħa sunetti kiteb dak li kien jaħseb hu fuq il-bidu tas-sunett. L-ewwel wieħed minn dawn id-disa' sunetti jgħid hekk:

"Jiena jisimni Sunett: jekk għandek xewqa tkun taf min lili ta dan l-isem ma nafx ingħidlek, għax jiena kont imgeżwer fil-fsieqi bħal ma kont inti meta għammduk. Liema hi l-art li fiha tnissilt ma qaluli qatt; anqas min kien missieri jew f'liema sena twelidt.... (1).

Dan ifisser illi fi żmien Mascheroni (1750-1800) ma kinux saru studji biżżejjed fuq is-sunett, biex wieħed jista' jgħid xi ħaġa fis-sewwa fuq in-nisel tiegħu u fuq art twelidu: u billi, bħal ma għidna qabel, is-sunett hu komponiment letterarju sabiħ u qawwi li tafa' l-egħruq fil-letteraturi kollha ta' l-Ewropa, Franċiżi u Taljani u xi wieħed Ġermaniż ukoll żammew, il-koll, illi s-sunett tnissel f'pajjiżhom, u kien warda bikrija fil-letteraturi tagħhom.

Il-Franċiż Guliermu Colletet fit-trattrat li kiteb fuq is-sunett (2) iżomm illi s-sunett hu ta' nisel franċiż, jew għal l-inqas, provenzal, fil-waqt illi Wackermangel, (3) kittieb Ġermaniż, iżomm illi s-sunett jagħraf in-nisel tiegħu minn komponiment ieħor poëtiku meħud minn għand il-Ġermaniżi.

Ma hemmx għal fejn ingħidu illi t-Taljani qalu tagħhom ukoll. Gerolamo Boccardo fl-Enċiklopedija tiegħu (4), taħt il-kelma "Sonetto", ifisser: "Għanja ta' erbatax-il-vers, *invenzjoni tat-Taljani*, għax il-Latini qatt ma kellhom sunetti...

(1) Qlib ta' l-ewwel sitt versi tas-sunett. Ara Carlo Culcasi. *Il Libro dei Sonetti*, Catania, 1926, paġ. III.

(2) G. Collétet, *Traité du Sonnet*, 1658.

(3) C. Culcasi, paġ. III, Tagħrifa (3).

(4) G. Boccardo, *Nuova Enciclopedia Italiana*, Torino, 1886.